MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 75/2010

**A B**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet zzewgu nhar is-16 ta’ Jannar, 2001 fil-Kajr fl-Egittu, liema zwieg gie rregistrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku tal-Belt Valletta, Malta u dan kif jirrizulta mill-vera kopja tal-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘A’;
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;
3. Illi l-partijiet huma legalment separati, u dan skond kuntratt ta’ separazzjoni datat l-14 ta’ Marzu, 2002,

fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi (hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'B');

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi, kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

5. Illi l-kunsens tal-partijiet, inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

6. Illi l-esponenti taf personalment b'dawn il-fatti kollha;

Talbet ghalhekk li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat nhar is-16 ta' Jannar, 2001 kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skond l-Artikolu 19 (1) (d), (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Il-konvenut debitament notifikat baqa ma ipprezentax risposta guramentata u b'hekk huwa kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita ta' zwieg bejn il-partijiet peress li dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u kif ukoll peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici xehdet illi t-tfulija taghha kienet problematika hafna, kienet teenager ribelli u kienet tipprova taghmel l-affarijiet anke li kienet taf li kienu ser jikkagunawha hsara. Qabel ma ghalqet is-sittax (16) il-sena bdiet tiehu id-droga. Kienet tiehu l-smack, il-kokaina u l-eroina u kellha problema serja ta' abbuz ta' droga. Xi ftit wara li ghalqet sittax (16) il-sena, kienet hadet 'overdose' tad-droga u kellha tittiehed l-isptar fejn salvawlha hajjitha, izda baqghet tiehu id-droga sa kemm ghalqet l-erbgha u ghoxrin (24) sena. Sabiex tkopri il-vizzju taghha, bdiet taghmilha ma kumpanija hazina, tressqet il-Qorti u giet orndata sabiex issegwi program kontra il-vizzju tad-droga fi hdan il-Caritas. L-attrici xehdet illi meta ghamlet il-program il-Caritas, iltaqghet ma guvni li kien ghaxar snin ikbar minnha, bdiet relazzjoni mieghu u iddecidew li jitilqu mill-program u marru jghixu ghal rashom fi flat Bugibba. F'dan il-perjodu hi u dan il-guvni kienu qeghdin jabbuzaw mid-droga, ma kienux jahdmu u wara ftit zmien ma baqghux jghixu aktar flimkien. F'dan iz-zmien hija kellha madwar dsatax (19) il-sena u kienet iddisprata ghal flus. Darba minnhom kienet Bugibba u xi hbieb taghha kienu laqqghuha mal-konvenut, Egizzjan li kien jiftahar li kellu il-flus u bdiet tohrog mieghu kwazi mal-ewwel. L-attrici xehdet li dak iz-zmien ma kienitx tirraguna, kienet aktar tkun sick bid-droga milli normali. Wara ftit gimghat biss li kienet saret taf lill-konvenut, kienet izzewgitu. Il-konvenut ma ridtx jizzewweg Malta, ried jizzewweg l-Egittu bir-rit taghhom u ghaliha ma kienitx taghmel differenza. Dahlet ghal dan iz-zwieg bl-ideja li kienet ser tizzewweg ragel

intelligenti illi kellu l-flus biex isostni lilha u il-vizzju li kellha tad-droga u marret l-Egittu fejn izzewget lill-konvenut. Irritornaw Malta u irregistraw iz-zwieg taghhom f'Malta u bdew jghixu flimkien fi flat Bugibba, izda il-hajja flimkien kienet insopportabbli. Ftit, ftit bdiet tirrealizza x'kienet ghamlet b'idejha, li kienet ghagglet u li ma rieditx tghix aktar mal-konvenut. L-attrici xehdet illi kienet ghadha zghira u lanqas kienet taf xi iffisser zwieg. Wara xahrejn li kienet ghexet mal-konvenut telqitu, marret tghix ghand ommha u wara sitt xhur kienu isseparaw legalment. Meta ghalqet l-24 sena, iddecidiet li tbiddel hajjitha, regghet dahlet taghmel program u din id-darba irnexxielha tkomplih sal-ahhar u irnexxielha tehles mill-vizzju tad-droga, kibret u immaturat.

Ikkunsidrat :

Illi xehed ukoll il-konvenut u ikkonferma illi l-attrici kienet ghadha zghira meta iltaqa maghha u illi ghallarrieda f'temp ta' ftit minuti, iddecidew li jizzewgu. Huwa xehed illi kien qal lill-attrici li ried jizzewweg l-Egittu u hi accettat mal-ewwel u fil-fatt ghamlu hekk. Huwa xehed illi l-attrici ma kienitx tidher normali u beda jirrealizza illi kienet imhawwda minhabba li kienet tiehu id-droga, imma dak iz-zmien ma kienx ta kaz. Il-konvenut ikkonferma li kien jaf illi l-attrici kellha il-problema tad-droga. Huwa xehed illi meta irritornaw Malta, bdew jghixu Bugibba flimkien, izda ir-relazzjoni qatt ma qabdet art. Dejjem kienu jiggieldu u l-attrici kienet ghadha zghira wisq u mal-ewwel irrealizza li kienu ghagglu wisq. Hu xehed li xahrejn wara iz-zwieg l-attrici telqet mid-dar u xi sitt wara isseparaw. Il-konvenut xehed illi illum il-gurnata huwa ghandu relazzjoni ma mara ohra u minnha ghandu hamest itfal.

Illi l-attrici esebit ittra iffirmata minn S G, head tal-program ta' filghaxija u tar-re-entry u tal-after care tar-riabilitazzjoni mid-droga fi hdan il-Caritas Malta, illi iccertifikat illi l-attrici ghamlet b'success in-New Hope Programme ghar-riabilitazzjoni tad-droga f'2005. Hija qalet illi l-attrici irrientegrat fis-socjeta' u ghandha impjieg stabbli. Hija ghandha wkoll relazzjonijiet normali fi hdan il-familja, kif

ukoll fi hdan is-socjeta'. Kompliet b'edukazzjoni taghha u tahdem bhala carer mat-tfal.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici, bhala ragunijiet ghalfejn dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null, tat bhala kawzali illi l-kunsens kien ivvizzjat b'difett ta' deskrizzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha, kif ukoll peress illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb fl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi ghal dak illi jirrigwarda difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha, il-Qorti rat illi din il-kawzali hija kontemplata fl-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew illi biex ikun hemm ikun hemm nuqqas serju ta' diskrzzzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. (Vide sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Isabelle Zarb vs Stephen Attard deciza fil-21 ta' Novembru, 1995.)

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi att ta' immaturita, izda in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hu kuncett guridiku intinsikament marbut mal-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens taghha liberu u xjenti ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel B vs Mario B deciza fis-26 ta' Ottubru 2000, ikun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens tal-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19 (1) kemm il-darba jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens

taz-zwieg, jew minn dik il-maturita affettiva li hija presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas, jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, irid ikun hemm l-inkapacita psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

Illi l-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi appezzat mhux biss fl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom infushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, ghalhekk jinholoq id-dubju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu.

Illi inoltre il-kunsens irid ikun tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih tkun konxja tal-obbligi, id-dmijirijet u r-responsabbilitajiet li iggib maghha l-hajja mizzewga.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni taghhom fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem gew ritenuti bhala li huma s-segwenti :

*1.* L-obbligazzjoni ghall-att taz-zwieg bhala ghaqda bejn il-koppja u bazi ta' prokreazzjoni tqa' l-ulied.
*2.* L-obbligazzjoni tal-komunita tal-hajja u tal-imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel fiz-zwieg.
*3.* Il-mutual well-being, illi huwa maghqud ma ambjent li iwassal ghat-tnissil u edukazzjoni ta' l-ulied.
4. L-obbligazzjoni li jircievu u irrabbu l-ulied fil-kuntest tal- komunita konjugali.

Illi l-attrici ikkontendiet illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'simulazzjoni, u il-Qorti f'dan ir-rigward rat l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun

inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi fl-interpretazzjoni ta’ dan is-subartikolu, il-Qrati taghna dejjem ikkontendew illi l-esklussjoni posittiva ghaz-zwieg ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament, izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens, u f’dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet Nicolai Balzan vs Simone Cremona, deciza fid-9 ta Marzu 2000.

Illi fil-kawza fl-ismijiet Bonnici vs Bonnici, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta’ Lulju 1982, il-Qorti kienet qalet li biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi oppruvat il-‘finis operis’ taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta’ parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi ghar-rigward ta’ simulazzjoni parzjali u cioe’ l-eskluzjoni pozittiva ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qrati taghna dejjem irritenew li l-element essenzjali taz-zwieg jikkonsistu fil-komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghal fedelta u id-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied, fost ohrajn.  (Vide sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Grech vs Grech deciza fid- 9 ta’ Ottubru, 1990.)

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali, l-‘consortium vitae’ tikkomprendi zewg elementi u cioe’ l-imhabba konjugali u r-responsabilita’ tal-familja.  Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha moghtija fil-kawza fl-ismijiet Magri vs Magri deciza fl-14 ta’ Lulju 1994,  “jekk din il-consortium vitae hija nieqsa l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes.  Din il-consortium vitae tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta tal-familja”.

Illi fil-fatt l-element tal-indissolubbilta’ taz-zwieg jehtieq li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta u formazzjoni tal-familja.  Il-

ligi Maltija tippresupponi 'iuris tantum' dan l-element ta' indissolubbilta fiz-zwieg.
Illi fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Galea vs Walshi, moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu 1995, il-Qorti spjegat xi tfisser li jkun hemm eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu bhala meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern illi jkun inghata.
Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Muscat vs Borg Grech, moghtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Awissu, 1995, il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem :
"Ghal min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu, qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg, ikun qed jissimula il-kunsens tieghu."

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi gie ippruvat mill-provi prodotti illi peress illi kienet tabbuza mid-droga, l-attrici ma kienitx kapaci tirrifletti dwar iz-zwieg u l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u wisq anqas ma kienet kapaci tassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Hija kienet tbati minn inkapacita psikika li ma hijiex anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku u ma setghatx taghraf u tirrifletti u tiddeciedi liberalment fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Ma setghatx tkun taf x'jigifieri zwieg u wisq anqas ma kienet konxja tal-obbligi, id-dmirijiet u ir-responsabbiltajiet li iggib maghha il-hajja mizzewga, bhalma huma l-elementi ta' unjoni permanenti esklussiva u irrevokabbli, u ghalhekk hija lanqas ma setgha ikollha ghazla libera dwar l-oggett taz-zwieg u certament ma kienitx kapaci tassumi u taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.
Illi irrizulta wkoll illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat b'simulazzjoni totali peress illi inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu.
Irrizulta mill-provi illi l-attrici izzewget lill-konvenut peress illi kellu l-business tieghu u ghalhekk hija hasbet illi kien ser jiffinanzja kemm lilha, kif ukoll il-vizzju illi kellha tal-abbuz mid-droga.
Illi gie ippruvat illi ftit gimghat biss wara iz-zwieg taghhom, l-attrici telqet minn mal-konvenut u sitt xhur wara

isseparaw legalment u dan aktar u aktar ikompli juri illi l-attrici eskludiet totalment iz-zwieg, minkejja il-fatt illi hija qalet iva ghaz-zwieg, internament b’att posittiv tal-volonta taghha kienet qeghda tichad il-kunsens taghha ghal dak iz-zwieg, kienet qeghda tistimula il-kunsens taghha.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talba attrici u tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fis-16 ta’ Jannar 2001 kien null u invalidu peress illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk il-Qorti tordna illi issir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv; Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------